MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 152/1993/1

**Mary Mizzi**

**vs**

**Mario Mizzi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Mejju 1993 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irremedjabbilment mhabba l-adulterju flagranti tal-konvenut, *oltre* servizzji, theddid, ingurji gravi u swat *da parte* ta' l-istess;

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla Daniela ta' hames (5) snin;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna u tippronuncja s-separazzjoni personali bejnha u l-konvenut;

2. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Daniela lilha bid-dritt ta' access lill-konvenut fi granet u hinijiet fissandi u taht dawk il-kondizzjonijiet li jissalvagwardaw l-interessi morali u fizici tal-istess minuri fl-ahjar interess taghha;

3. li dil-Qorti tiffissa l-alimenti ghaliha u ghal bintha li l-konvenut ikun kundannat jaghtiha bil-modalita' fissandi;

4. li tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u tilikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u diviza bejn il-kontendenti nofs kull wiehed;

5. li jigu komminati kontra l-konvenut dawk il-komminazzjonijiet kollha skond il-ligi li huma applikabbli kontra dak mill-mizzewgin li jirrendi ruhu hati ta' tortijiet kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandati ta' Impediment tal-Partenza 2231/92 u ta' Sekwestru 2232/92 *oltre* l-procedura skond l-**artikolu 470 (A) tal-Kodici Proceduri Civili** prezentati fil-25 ta' Novembru 1992 u nkluzi dawk tal-proceduri quddiem l-Onorabbli Sekond' Awla ta' dil-Qorti kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u elenku ta' dokumenti.

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 7 ta' Dicembru 1992.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 25 ta' Mejju 1993 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni saret biss f'isem il-mara Mary Mizzi u fic-citazzjoni qeghdin jintalbu alimenti ghaliha u ghal bintha minuri bil-modalitajiet li ghandhom jigu ffissati. Mic-citazzjoni stess lanqas hija preciza r-rapprezentanza tal-minuri u ghaldaqstant it-talba lanqas tista' tigi kkunsidrata;

2. Illi fit-tieni lok, il-htija li tkisser iz-zwieg irrimedjabbilment kien tal-attrici stess u dana minhabba l-adulterju taghha, it-theddid, l-eccessi u l-ingurji da parti taghha;

3. Illi salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku ta' dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjedua mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-28 ta' Mejju 1993, fejn Dr. Myriam Hayman ghall-konvenut infurmat lill-Qorti li bejn il-partijiet hemm kawza ghall-annullament taz-zwieg fl-ismijiet inversi.

Rat il-verbal datat 4 ta' Gunju 1993 u dak tat-3 ta' Novembru 1993 dejjem quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fejn Dr. Myriam Hayman ghall-konvenut iddikjarat li l-partijiet kienu qablu li l-provi li jingabru f'din il-kawza jkunu applikabbli u jaghmlu stat ghall-kawza citaz nru 7/91 fl-ismijiet inversi. Giet nominata Dr. Anna Felice bhala Perit Legali.

Rat il-verbali quddiem l-istess Qorti diversament presjeduta datati 21 ta' Jannar 1994 u 18 ta' Marzu 1994, u dak datat 17 ta' Mejju 1994, fejn il-Perit Legali Dr. Anna Felice spjegat li ghal xi zmien is-seduti kienu waqfu pero' hemm seduta ghal ghada.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 18 ta' Ottubru 1994, 6 ta' Dicembru 1994, 28 ta'

Marzu 1995 u 30 ta’ Mejju 1995 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport kull darba.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Jannar 1995, fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li s-seduti lilhom ma jsiru u talbet sottomissjoni tal-Perit Legali. Il-Qorti laqghet it-talba w ordnat is-sostituzzjoni tal-perit legali u nnominat flokha lil Dr. Thomas Abela bl-istess inkarigu u fakoltajiet.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Novembru 1995 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li kien ilhom ma jinzammu seduti. Il-Qorti hekk diversament presjeduta ssollekat lill-Perit Legali biex tiffissa serje ta’ seduti ghall-provi li kien jonqos.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Marzu 1996 u 28 ta’ Mejju 1996 u dak datat 23 ta’ Ottubru 1996 fejn il-Qorti ssollekat lill-perit legali biex jiffissa serie ta’ seduti ghall-provi.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-istess Qorti hekk presjeduta datati 22 ta’ Jannar 1997, 12 ta’ Marzu 1997 u 30 ta’ April 1997 u wkoll dawk datati 21 ta’ Mejju 1997 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici nformat lil Qorti li ghas-seduti l-partijiet ma kinux qed iresqu provi. Il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta’ Mary Mizzi datat 30 ta’ Lulju 1997, a fol 36, fejn talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogghobha tirrijappunta l-kawza premessa ghas-smiegh tal-provi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 7 ta’ Awissu 1997, fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Novembru 1997, fejn id-difensuri tal-partijiet spjegaw l-istadju tal-provi u dak datat 25 ta’ Marzu 1998, fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex jiffissa s-seduti mehtiega f’din il-kawza ta’ separazzjoni u flimkien mal-partijiet jidhru quddiem il-Qorti u jinformawha dwar l-interess li fadliehom u x’inhuma l-provi li fadliehom bl-intiza li fin-nuqqas, jittiehdu l-provvedimenti opportuni.

Rat il-verabl datat 3 ta' Gunju 1998 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici nformat lil Qorti li ghas-seduta li ffissa l-perit legali, il-partijiet ma kinux gew infurmati. Il-Qorti sollekat lill-istess perit legali biex jiffissa s-seduti mehtiega u jigbor il-provi li fadal.

Rat il-verbal datat 28 ta' Ottubru 1998 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici nformat lill-Qorti li ghas-seduta ffissata mill-Perit Legali l-partijiet m'attendewx. Il-Qorti ordnat li jinzammu zewg seduti, li kellhom jinzammu anke' fl-assenza ta' xi wahda mill-partijiet jew difensuri. Id-difensuri ddikjaraw li kien fadlilhom il-provi.

Rat il-verbal datat 13 ta' Jannar 1999 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil-Qorti li *nonostante* l-verbali precedenti ma kinux inzammu seduti u l-attrici kienet ghadha fil-provi. Il-Qorti hekk kif diversament presjeduta gustament ddeplorat il-<u>hela ta' zmien</u> f'din il-kawza w ordnat li l-attrici tressaq il-provi fl-udjenza li kien imiss u li wara tigi ffissata seduta ghall-provi tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-istess Qorti hekk diversament presjeduta datat 26 ta' Frar 1999 fejn minhabba n-nuqqas ta' progress tal-partijiet sabiex iresqu l-provi xehdu quddiemha Dr Paul Mallia, Robert Aquilina, Alfred Agius, Dr Ethelbert Fenech Adami, Henry Delezio, Nadia Attard, PC 1171 Lawrence Mallia, Joseph Scicluna, Brian Farrugia, Mark Anastasi, Spettur Pio Pisani u l-attrici Mary Mizzi. Il-Qorti ordnat li x-xhieda u d-dokumenti ezebiti mix-xhieda ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami, Henry Delezio, Nadia Mallia u Joseph Scicluna jinzammu fis-sigrieta tal-Qorti disponibbli biss lill-partijiet u lill-Espert Gudizzjarju. Dr. Lorraine Schembri Orland ghamlet referenza ghax-xhieda ta' pulizija tad-distretti ta' San Giljan u B'Kara u rrinuzjat ghalihom ghaliex ma rrizultalix li kien hemm permessi mahruga. Dr. Edwina Chetcuti talbet biex tirriserva d-dritt tal-kontro-ezami fuq ix-xhud Mark Anastasi. Il-Qorti cahdet it-talba. L-attrici pprezentat affidavit li kopja tieghu nghatat *seduta stante* lill-kontro-parti.

Rat ix-xhieda moghtija quddiem l-istess Qorti kif presjeduta ta' Dr. Paul Mallia, ta' Robert Aquilina li hu *Senior Desk Officier* Registratur tas-Socjetajiet *Malta Financial Services Corporation,* ta' Alfred Agius li deher ghall-Kontrollur tad-Dwana, ta' Dr. Ethelbert Fenech Adami li deher ghall-*Lohombus Bank Limited,* ta' Henry Delezio *Bank of Valletta plc,* ta' Nadia Attard li dehret ghall-*Mid-Med Bank plc*, ta' Lawrence Mallia, ta' Joseph Scicluna li deher ghall-*Lomdard Bank plc*, ta' Brian Farrugia li deher ghad-Direttur tal-Licensing and Testing, ta' Mark Anastasi, ta' l-Ispettur Pio Pisani u tal-attrici Mary Mizzi.

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha datat 19 ta' Frar 1999 a fol. 108 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 1999 fejn xehed il-P.L. Nicholas Briffa. Il-konvenut informa lill-Qorti li x-xhud Anthony Tanti ma setax jattendi ghas-seduta u li l-indirizz tad-dar tieghu kien "Rustica" Triq Biagio Galea, Tarxien, u li qatt ma kien ircieva x' ingunzjoni. Xehed in kontro-ezami l-konvenut. Dr. Lorraine Schembri Orland iddikjarat li *una volta* l-konvenut jesebixxi l-*audited accounts* tal-kumpanijia, ir-*returns* tas-CET/VAT u *insurance policies,* hi tirrinunzja ghax-xhieda ta' Anthony Tanti u li ghalhekk, kull ma jkun fadlilha, wara l-imsemmija dokumenti, tkun ix-xhieda tar-rapprezentat tal-Mid-Med Bank. Il-Qorti ordnat li jinzammu tliet seduti.

Rat ix-xhieda tal-P.L. Nicholas Briffa u tal-konvenut Mario Mizzi fl-istess seduta.

Rat il-verbal datat 21 ta' April 1999 u dak datat 1 ta' Gunju 1999, fejn Dr. Edwina Chetcuti ghall-konvenut u l-Espert Gudizzjaru kkonfermaw li kien sar progress notevoli.

Rat ir-rikors ta' Dr. Lorraine Schembri Orland, datat 30 ta' Gunju 1999, fejn talbet bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti biex jogghobha tiddiferixxi l-kawza ghal data ulterjuri.

Rat il-verbal datat 30 ta' Gunju 1999 fejn Dr. Edwina Chetcuti nformat lill-Qorti li nzammet seduta tkompla l-

kontro-ezami ta’ Mary Mizzi u li kien hemm iffissati zewg seduti ohra.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Ottubru 1999 fejn id-difensuri tal-partijiet informaw lill-Qorti li kien hemm zewg seduti. Il-Qorti ordnat lill-partijiet u lid-difensuri flimkien mal-perit legali biex fil-kaz li wara dawn it-tliet seduti ma jkunux inghalqu l-provi, tigi ffissata seduta biex il-Qorti tisma’ l-provi li jkun ghad fadal.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Thomas Abela, datata 3 ta’ Dicembru 1999, a fol 143.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Dicembru 1999 fejn il-Perit Legali Dr. Thomas Abela spjega lill-Qorti li ghalkemm inzammu zewg seduti ma sarx wisq progress. Il-Qorti ordnat li fis-seduta li kien imiss kellhom jitresqu l-provi kollha li jkun ghad fadal.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Frar 2000, fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici ghalkemm ma harkitx lil Wilfred Gauci ghas-seduta ta’ tali verbal, kienet harkitu ghas-seduta peritali tat-2 ta’ Frar 2000 u ma telax. Dan kien l-ahhar xhud tal-attrici. Il-konvenut kien iddikjara li ghalaq il-provi.

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta’ Marzu 2000, a fol 176 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 22 ta’ Marzu 2000, a fol 179 tal-process.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Marzu 2000 fejn xehed Wilfred Gauci. Id-difensuri pprezentaw noti bid-dokumenti u talbu li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet qabel il-Perit Legali jestendi r-relazzjoni. Il-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprezenta tali nota fi zmien erba’ gimghat mid-data tal-verbal, bil-*visto* tal-kontro-parti u l-konvenut ikollu erba’ gimghat zmien mill-komunika tal-istess biex jipprezenta l-eventwali nota responsiva.

Rat ix-xhieda ta’ Wilfred Gauci minn fol 185 sa fol 189 tal-process.

Rat il-verbal datat 31 ta’ Mejju 2000 u dak datat 7 ta’ Lulju 2000 fejn il-Qorti rrilevat li r-rapport kien ghadu mhux prezentat u sollekat lill-espert biex jestendi r-relazzjoni qabel id-differiment li kien imiss, *stante* li ma gewipprezentati l-ebda noti.

Rat il-verbal datat 13 ta’ Ottubru 2000 u l-verbal datat 6 ta’ Dicembru 2000, fejn il-Qorti awtorizzat lil Dr. Thomas Abela jirtira l-process li huwa voluminuz biex ikun jista’ jlesti r-relazzjoni; rat ukoll il-verbal datat 14 ta’ Marzu 2001 fejn il-perit legali Dr. Thomas Abela talab aktar zmien ghar-relazzjoni, u dak datat 23 ta’ Mejju 2001 fejn Dr. Edwina Chetcuti u l-espert legali talbu differiment ulterjuri ghal din is-sessjoni; rat il-verbal datat 11 ta’ Lulju 2001 fejn il-perit legali Dr. Thomas Abela talab aktar zmien ghar-relazzjoni; u dak tal-5 ta’ Ottubru 2001 fejn il-perit legali Dr. Thomas Abela wera lill-Qorti l-parti tar-rapport li kienet lesta u talab differiment ulterjuri peress li kien hemm xi dokumenti fis-sigrieta; rat il-verbal datat 7 ta’ Novembru 2001 fejn il-perit legali Dr. Thomas Abela talab differiment ta’ tliet gimghat ghall-prezentata tar-relazzjoni; rat il-verbal datat 28 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti ssollekat mill-gdid lill-perit legali biex jestendi r-relazzjoni.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-perit legali Dr. Thomas Abela.

Rat il-verbali datati 12 ta’ Dicembru 2001, 11 ta’ Jannar 2002, 13 ta’ Frar 2002 u 10 ta’ April 2002 fejn il-kawza baqghet iddiferita ghar-rapport.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale datat 22 ta’ Mejju 2002, fejn l-attrici spjegat lill-Qorti li kienet tghix bir-relief u xtaqet aktar zmien biex tkun tista’ thallas ir-rapport. Il-Qorti sollekat lill-attrici biex tikkomunika ma’ Dr. Thomas Abela dwar il-pagament bil-possibbilta’ li qabel tispicca is-sessjoni, ir-rapport ikun mahluf.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Thomas Abela minn fol 277 sa fol 343 tal-process, liema rapport gie pprezentat fit-28 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Lulju 2002 fejn il-perit legali Dr Thomas Abela kkonferma bil-gurament ir-rapport.

Rat il-verbal datat 8 ta’ Ottubru 2002, fejn Dr. Edwina Chetcuti ghall-konvenut irrimettiet ruhha ghall-konkluzzjonijiet peritali. Dr. Lorraine Schembri Orland trattat il-kawza. Il-Qorti awtorizzat lill-attrici biex tipprezenta nota dwar il-punti sollevati fit-trattazzjoni, u okkorrendo tipprezenta dokumenti, l-aktar dwar il-proprejta’ immobiljari.

Rat il-verbal datat 28 ta’ Novembru 2002 u dak datat 5 ta’ Dicembru 2002 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li kienet ghadha qed tipprova tottjeni dokumenti u d-dettalji minghand in-nutar u talbet differiment ulterjuri ghal dan l-iskop; rat il-verbali datati 30 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghal quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-28 ta’ Marzu 2003, u hawn giet differita ghall-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghall-21 ta’ Mejju 2003.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 12 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha esebiet kuntratt.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati 21 ta’ Mejju 2003 (l-ewwel darba li din il-kawza instemghet minn din il-Qorti hekk kostitwita), tas-17 ta’ Gunju 2003 fejn Dr Grima rrimettiet ruhha ghar-rapport. Dr Galea qablet li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ April 2004.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni li giet istitwieta fit-8 ta’ Frar 1993, tant li d-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili huwa datat 7 ta’ Dicembru 1992. Illi mill-verbali tal-istess seduti kemm quddiem il-Qorti diversament presjeduta jirrizulta li l-partijiet damu hafna u wisq sabiex resqu l-provi taghhom u din hija bla dubju l-kawza principali ghaliex din il-kawza qed tigi biss deciza llum, ‘l fuq minn 11-il sena wara li c-citazzjoni attrici giet intavolata, u ovvjament din il-Qorti ser tiehu l-provedimenti opportuni fir-rigward taz-zewg partijiet skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi, *stante* li dan l-agir tal-partijiet jikkostitwixxi abbuz tal-procedura tal-Qorti. Ghall-ezatteza jinghad li din il-Qorti kif attwalment presjeduta hadet konjizzjoni ta’ din il-kawza biss fil-21 ta’ Mejju 2003 u fis-seduta sussegwenti tas-17 ta’ Gunju 2003 l-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni minn fejn jirrizulta li l-kontendenti miz-zwieg kellhom tifla li ghadha minorenni li meta bdiet il-kawza kellha 5 snin u llum ghandha 15-il sena.

Illi l-attrici qed tallega li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut kawza ta’ sevizzi, ingurji gravi, theddid, swat u adulterju flagranti fil-konfront taghha.

Illi min-naha tieghu l-konvenut isostni li l-htija li tkisser iz-zwieg irrimedjabbilment kien tal-attrici stess u dan minhabba l-adulterju taghha, it-theddid, l-eccessi u l-ingurji da parti taghha.

Illi dwar il-kwistjoni ta’ responsabbilita’ l-perit legali Dr Thomas Abela rrelata li:

*“Illi l-ewwel talba dedotta fic-citazzjoni hija ghall-pronunzjament tas-separazzjoni bejn il-partijiet il-konjugi Mizzi u dana minhabba r-ragunijiet migjuba fl-artiklu 38 u*

*40 tal-Kodici Civili. Jidher min-natura u l-kwantita' tal-provi prodotti li huwa ormaj fatt innegabbli li z-zwieg bejn il-partijiet falla u ma hemmx triq ohra hlief li jigi dikjarat li ghandu jkun hemm dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali bejniethom wara ghaxar snin ta' separazzjoni de facto. Il-kwistjoni li tibqa' tahraq hija jekk tali separazzjoni li tigi dikjarata hijiex minhabba l-premessi tac-citazzjoni jew minhabba l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Ossija min, jekk minnhom hemm wiehed jew wahda, li huwa hati ghas-separazzjoni u allura ghandu jbati l-konsegwenzi previsti mil-ligi.*

*Illi l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-allegat adulterju tar-ragel taghha l-konvenut Mario Mizzi. Hija tallega li s-separazzjoni kienet ikkawzata meta zewgha kkommetta adulterju. Ta' dana pero' l-esponenti jidhirlu li l-attrici ma gabitx xi prova preponderanti. Ipprezentat ix-xhieda taghha u ta' terza persuna li taw biss indikazzjoni li l-konvenut seta' kellu xi hbiberija ma' persuna tas-sess femminili.  Dak li gabet l-attrici ma kienx ikun konvincenti ghall-esponenti ghal fini ta' prova ta' adulterju, li kieku ma kienx l-attur li min naha tieghu jkkonferma li kien sab solljiev fi hbiberija ma' persuna ohra, pero' meta z-zwieg mal-attrici kien diga' sfaxxa, u li llum ghandu relazzjoni ma' mara ohra.*

*Illi l-konvenut fl-eccezzjoni tieghu jsostni li martu kienet il-kawza tas-separazzjoni ghar-ragunijiet previsti mil-ligi kif ukoll minhabba l-adulterju minnha. Anki hawn ma jistax jinghad jissottometti l-esponenti huwa meta jara x-xhieda kollha u l-konferma li kien hemm ricentement meta Portelli kkonfronta lill-konvenut Mario Mizzi, jidhirlu li mic-cirkostanzi kollha jhossu konfortat fil-konvinciment tieghu li bhal zewgha l-attrici ghandha relazzjoni ma' persuna ohra llum.*

*Illi l-esponenti jemmen li d-differenzi u d-diffikultajiet li kellhom jiffaccjaw il-partijiet, fiz-zwieg li kienu dahlu ghalih tant kienu kbar, u huma tant kienu mpreparati u nkapaci li f'qasir zmien il-holm taghhom spicca fix-xejn, mhux biss biex iwassal ghas-separazzjoni imma jsostni l-esponenti anki ghall-adulterju miz-zewg partijiet u kif ga' minnu*

*ddikjarat ghall-annullament taz-zwieg. Illi ghalhekk is-separazzjoni li qed tigi koncessa lill-partijiet hija bbazata fuq l-adulterju u htijiet taz-zewg partijiet."*

Illi din il-Qorti fl-ewwel lok thoss li din id-dikjarazzjoni tal-istess perit legali hija konfuzzjonarja u kontradittorja fiha innfisha, fejn f'nifs wiehed qed jghid li ma giex ippruvat l-adulterju tal-konvenut, u iktar l-isfel jghid li l-istess zwieg sfaxxa minhabba l-adulterju taz-zewg partijiet, tant li iktar l-isfel fl-istess rapport jiffissa d-data ta' meta l-istess zwieg tkisser irremedjabbilment bhala dik ta' 1991 ghall-konvenut u dik ta' 1993 ghall-istess attrici fl-isfond ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16.**

Illi ovvjament din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-konkluzjoni u wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza u x-xhieda kollha prodotta fi process ta' 'l fuq sew minn 400 pagna thoss li z-zewg partijiet kienu jahtu ghal din is-separazzjoni personali u dan peress li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, theddid, ingurji gravi u wkoll vjolenza domestika kif jirrizulta car mix-xhieda tal-attrici, li ssemmi diversi incidenti li kellha mal-konvenut inkluz dak minnha rakkontat tat-13 ta' Ottubru 1990 u wkoll kien hati *verso* l-attrici ta' adulterju ma' almenu zewg persuni u cjoe' Christine Dyer u iktar 'l quddiem ma' Charyl Crane, l-ahhar relazzjoni kienet fil-fatt jidher li ghadha stabbli almenu sal-mument meta xehdu l-partijiet f'din il-kawza. Fil-fatt l-istess konvenut abbanduna d-dar konjugali fis-sena 1991 u f'dan l-istadju kienet gja bdiet ir-relazzjoni tieghu ma' l-ewwel mara fuq imsemmija, u xhieda tal-attrici f'dan il-kuntest hija wahda cara u skjetta; dwar dan il-konvenut jghid li l-istess persuna kienet biss habiba, izda din il-Qorti fil-kumpless tal-provi prodotti ma thoss li din il-versjoni tal-konvenut hija verosimili u wisq inqas kredibbli. Mill-bqija r-relazzjoni l-ohra hija ammessa mill-konvenut.

Illi kwantu ghall-attrici ma jistax jinghad li l-istess attrici ma kkontribwietx ghall-istess firda personali u jidher car mill-provi prodotti li l-istess attrici kienet hatja fil-konfront tal-konvenut ta' diversi nuqqasijiet serji fosthom theddid, ingurji gravi, anke' qabel ir-relazzjoni adultera msemmija,

u wara li l-istess konvenut ikkommetta huwa adulterju, l-attrici wkoll qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor Victor Portelli, liema relazzjoni kienet ukoll ghadha tezisti fil-mument tax-xhieda bejn il-partijiet u ghalhekk l-istess attrici qed tinsab ukoll li kienet hatja *verso* l-konvenut ta’ theddid, ingurji gravi u adulterju, u ghalhekk ir-responsabbilita’ ta’ din is-separazzjoni hija dovuta ghall-komportament taz-zewg partijiet, bil-konsegwenza li minhabba dawn it-tortijiet taz-zewg konjugi l-hajja mizzewga giet resa impossibbli u z-zwieg tkisser b’mod irremedjabbli u dan b’effett mid-data tal-1991.

Illi dwar it-tieni talba attrici li tirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri Daniela Mizzi l-Perit Legali kkonkluda li f’dan ir-rigward il-partijiet jirregolaw ruhhom sewwa fit-trobbija ta’ binthom u dan huwa wiehed mill-punti pozittivi li hargu minn din il-kawza, peress li jidher almenu mill-provi li l-partijiet ma' dahlux lill-istess minuri fin-nofs fil-litigji taghhom.

Illi ghalhekk f’dan il-kuntest jirrizulta li l-kura u kustodja tal-minuri Daniela li ghandha llum circa 15-il sena ghandha tibqa’ konguntivament f’idejn iz-zewg genituri taghhha u flimkien, filwaqt li l-istess minuri tibqa’ tghix mal-istess konvenut mit-Tnejn sal-Erbgha u l-Gimgha u s-Sibt u mal-attrici l-Hamis u l-Hadd, b’dan pero’ l-partijiet bi ftehim bejniethom u b’konsultazzjoni mal-istess minuri huma liberi li jiftehmu modalitajiet ohra ta’ access, kif jidher li dejjem ghamlu sallum. Tali ko-operazzjoni tal-genituri zgur li hija fl-interess tal-istess minuri.

Illi qabel ma tigi trattata t-tielet talba attrici din il-Qorti tosserva li l-Perit Legali abbazi tar-responsabbilita’ kongunta tal-partijiet ghal din is-separazzjoni u *in vista* tal-fatt li kull parti kienet hatja *verso* l-parti l-ohra ta’ adulterju applika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap.16** u wkoll stabbilixxa meta sehh tali aggravju mill-partijiet rispettivi.

Illi fil-fatt fir-rigward tar-ragel Mario Mizzi jidher li ma hemmx dubju li dan sehh fit-tarf tas-sena 1991. Fir-rigward tal-mara jirrizulta mix-xhieda li anki hija malajr

sabet lil haddiehor u mill-kumpless tal-provi jidher li sal-1993 hija kienet diga’ f’relazzjoni ma’ Victor Portelli. B’hekk dan kollu jwassal biex jigi dikjarat li bhala konsegwenza l-partijiet tilfu d-drittijiet u beneficji msemmija fl-**artikolu 48 tal-Kap.16** li ghandu jigi applikat *in toto* fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi ghalhekk peress li l-partijiet iddekadew it-tnejn li huma mill-obbligu tal-manteniment biss in forza ta’ din is-sentenza, it-tielet talba attrici ghandha tigi michuda, kwantu jirrigwarda lill-attrici nfisha.

Illi dwar manteniment ta’ l-istess minuri jirrizulta mill-provi prodotti, li ma huma bl-ebda mod kontradetti, li l-istess minuri tghaddi hafna iktar zmien mal-missier milli ma’ l-omm. Fil-fatt il-konvenut ihallsilha l-ispejjez edukattivi u anki certu bzonnijiet ohra kollha fosthom dawk medici, u peress li jidher li l-istess konvenut ghandu introjtu tajjeb mentri l-omm qeghda tghix biss fuq l-assistenza socjali, anke’ peress li l-istess konvenut waqaf ihallas lill-attrici manteniment *pendente lite* mis-sena 1993, din il-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ sebghin lira (Lm70) fix-xahar bhala manteniment ghall-imsemmija minuri, b’effett mid-data ta’ din id-decizjoni fil-waqt li l-istess konvenut ghandu jibqa’ jmantni lill-minuri meta din tkun qed toqghod mieghu u tordna lill-konvenut ukoll ihallas l-ispejjez kollha edukattivi u ta’ sahha tal-istess minuri.

Illi dwar ir-raba’ talba attrici din ghandha tigi milqugha u bhala konsegwenza din il-Qorti tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti bhala xolta. Illi kwantu ghax-xoljiment din il-Qorti ser tadotta l-mod kif issuggeriet mill-Perit Legali. Huwa kkonkluda li ghall-finijiet ta’ dak premess ghandha tigi msarrfa fl-1993 kwantu ghall-mara u fl-1991 kwantu ghar-ragel. Illi d-data li ghandha tigi kkunsidrata bhala meta l-attrici tilfet id-dritt taghha ghan-nofs ta’ l-akkwisti illi saru bil-hidma ta’ zewgha hija l-ahhar tal-1993.

Illi fir-rigward tal-ishma fl-ammont ta’ 5000 fil-kumpanija *“Importstyles Enterprises Limited”* gie stabbilit mill-ezami tad-dokumenti ezebiti li fl-1993 l-konvenut kellu biss 1500

ishma u dawn bil-valur ta’ Lm 1 il-wiehed, pero’ 50% *paid up* . Ghaldaqstant l-attrici ghandha dritt ghal nofs il-valur tal-istess. Billi l-kumpanija kienet ilha ffurmata biss sentejn u nofs qed jittiehed il-valur tal-istess *“at par”* li huwa ta’ Lm375. Ghall-istess raguni l-kumpanija ma lahqitx ghamlet bizzejjed *goodwill* biex jigi valutat. Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi li din il-kumpanija llum zviluppat sew u ghandha wkoll diversi immobbli kif jirrizulta mill-istess relazzjoni peritali, izda jirrizulta li dawn kollha saru sew wara d-data imsemmija tas-sena 1993 u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-imsemmi **artikolu 48 (1) (c)** fil-konfront tal-attrici, hija tilfet kull dritt li setgha kellha fuq l-istess.

Illi hemm imbaghad il-kreditu li ghandha l-komunjoni tal-akkwisti kontra l-konvenut fir-rigward tal-pagamenti maghmula lil Lohombus Bank Ltd ghall-miljoramenti li saru fid-dar parafernali tal-konvenut. Dawn sal-1993 kienu jammontaw ghal Lm961. Nofs din is-somma cioe’ Lm480 hija tal-attrici u huma dovuti lilha.

Illi ssemmew ukoll zewg assikurazzjonijiet fuq il-hajja f’isem il-konvenut. Wahda minn dawn Lifelink kienet inharget fl-1996 u konsegwentement l-attrici m’ghandhiex sehem mill-istess. Fir-rigward tal-assikurazzjoni l-ohra mal-Eaglestar, peress li din hija garanzija mill-*overdraft* tal-Bank u timmatura fis-sena 2019, lill-attrici ghandu jinghata nofs il-kontribut imhallas fi *premiums* sal-1993. Dan jissarraf fis-somma ta’ Lm517.

Illi fir-rigward tal-kont tal-Maltacom billi dan huwa ghal perjodu wara l-1993, u tal-fond parafernali tal-konvenut meta l-attrici jidher li kienet telqet minnu, ma jiffurmax parti mill-akkwisti u jibqa’ debitu shih tal-konvenut.

Illi fir-rigward tal-kontijiet li ssemmew u ngiebu dokumenti fuqhom f’isem il-konvenut jinghad li gej :-

i)Kont Numru 158 0631 5010, li fil-25 ta’ Frar 1999 kien fih Lm185.68. Minn ezami tal-kont jirrizulta li dan il-kont kien infetah fl-1997 u ghalhekk l-attrici ma ghandhiex sehem minnu.

ii) Kont Numru 158 0631 5023, li fih Lm2.90. Dan ukoll kien infetah fl-1997 u ghalhekk l-attrici ma ghandhiex sehem minnu.

iii) Kont Numru 158 0631 5036, a/c Daniela li fih hemm Lm55.80. billi dan huwa kont tal-minuri u zghir ghandu jithalla f'isem il-minuri filwaqt li l-attrici tidhol fid-denominazzjoni tal-kont.

iv) Kont Numru 110 0120 4014, f'isem Mario u Mary Mizzi, li fih hemm Lm1.78. Minn dan l-attrici ghandha nofsu cioe' Lm0.89.

Illi l-attrici allegat li l-attur ghandu vettura li hija registrata fuq isem ommu waqt li huwa xehed li kien xtralha vettura. Mill-provi m'hemm xejn sustanzjat dwar din l-allegazzjoni u *inoltre'* ma gew prezentati l-ebda valuri ghall-vetturi. B'hekk kull parti ghandha zzomm il-vettura li qed tippossjedi.

Illi ssemmiet ukoll xi ghamara li l-attrici setghet hadet mid-dar matrimonjali u dan anki kif xehdet hija stess. L-ebda valuri ma tressqu dwar dawn u ghalhekk fic-cirkustanzi l-ghamara li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti qed tigi allokata f'idejn dik il-parti li tinsab cioe' kull parti zzomm dak li ghandha fil-pussess taghha.

Illi fl-ahharnett l-attrici xehdet li hija qabel iz-zwieg kellha proprjeta' taghha fl-Imsida. Din id-dar kienet partitha wara z-zwieg ma' karozza "Porsche". Hija esebiet il-kuntratt ta' bejgh ta' din il-proprjeta' datat 14 ta' Mejju 1990 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Attard minn fejn jirrizulta li din kienet proprjeta' parafernali ghax kienet wirtitu minghand iz-ziju taghha (vide fol.183 tal-process). Il-bejgh sehh meta hija kienet mizzewga u l-prezz migjub kien ta' Lm7,200 u ghalhekk dan l-ammont huwa dovut lilha bhala kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti lejn l-assi parafernali taghha u dan abbazi tal-**artikolu 1331(2) tal-Kap.16**. B'hekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici dan l-ammont.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut** biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’** t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz u dan billi:-

(1) Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Mizzi u dan ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet b’dan li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi (inkluz vjolenza domestika), ingurji gravi u adulterju, fil-waqt li l-attrici kienet hatja *verso* l-konvenut ta’ theddid, ingurji gravi u adulterju, u ghalhekk ir-responsabbilita’ ta’ din is-separazzjoni hija dovuta ghall-komportament taz-zewg partijiet, bil-konsegwenza li minhabba dawn it-tortijiet taz-zewg konjugi l-hajja mizzewga giet resa impossibbli u z-zwieg tkisser b’mod irremedjabbli.

(2) Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Daniela lill-genituri konguntivament u flimkien, filwaqt li l-istess minuri tibqa’ tghix mal-istess konvenut mit-Tnejn sal-Erbgha u l-Gimgha u s-Sibt u mal-attrici l-Hamis u l-Hadd, b’dan pero’ l-partijiet bi ftehim bejniethom u b’konsultazzjoni mal-istess minuri huma liberi li jiftehmu modalitajiet ohra ta’ access, kif jidher li dejjem ghamlu sallum. Tali ko-operazzjoni tal-genituri zgur li hija fl-interess tal-istess minuri.

Illi fl-ewwel lok tichad it-tielet talba attrici ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ghall-attrici bl-applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d)** b’effett mid-data ta’ din is-sentenza. Fit-tieni lok ghal dak li huwa l-manteniment tal-minuri, din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment tal-istess minuri s-somma ta’ sebghin (Lm70) fix-xahar b’effett mid-data ta’ din is-sentenza fil-waqt li l-istess konvenut qed jigi ordnat u ghandu jibqa’ jmantni lill-minuri meta din tkun qed toqghod mieghu u tordna lill-konvenut ukoll ihallas wkoll l-ispejjez kollha edukattivi u ta’ sahha tal-istess minuri.

1) Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b’effett mill-ahhar tas-sena 1993.

Illi din il-Qorti tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li tikkonsisti f’1500 ishma f’isem il-konvenut fil-kumpanija “Importstyles Enterprises Ltd” b’valur ta’ Lm1 il-wiehed li pero’ fl-1993 kienu 50% *paid up;* il-kontributi mhallsin bhala *premiums* tal-assikurazzjoni mal-Eaglestar li hija garanzija mill-*overdraft* tal-Bank u timmatura fis-sena 2019; Kont Numru 110 0120 4014, f’isem Mario u Mary Mizzi, li fih hemm Lm1.78; ghamara; kif ukoll vetturi misjuqa minnhom.

Illi din il-Qorti konsegwentement tiddividi l-istess komunjoni billi takkorda lill-attrici bhala sehemha l-ghamara li tipposjedi u li kienet tal-komunjoni, kif ukoll il-vettura li tipposjedi, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ Lm979.89 a saldu ta’ sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti kif spjegat aktar ‘il fuq;

Illi fl-istess waqt din il-Qorti tassenja lill-konvenut l-ghamara li jipposjedi u li kienet tal-komunjoni tal-akkwisti, il-vettura li jipposjedi, nofs l-ammont tal-Kont Numru 110 0120 4014, l-ishma f’ismu fil-kumpanija “Importstyles Enterprises Limited” u l-assikurazzjoni ma’ l-Eaglestar.

Illi *inoltre* u minhabba dak fuq premess dwar il-proprjeta’ parafernali tal-attrici li nbieghet waqt iz-zwieg l-ammont li thallas cioe’ Lm7,200 ukoll jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti b’dan pero’ li l-attrici hija kreditrici tal-komunjoni fl-istess ammont u din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta’ seba’ t’elef u mitejn lira Maltija (Lm7,200), b’dan ghalhekk li b’kollox il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici, u hekk qed jigi kkundannat jaghmel abbazi ta’ din id-decizjoni, l-ammont komplessiv ta’ tmien t’elef, mija u disa’ u sebghin lira Maltija u disa’ u tmenin centezmu (Lm8,179.89).

Illi d-dar matrimonjali hija proprjeta’ tal-konvenut u kull dejn gravanti lill-istess komunjoni u anke’ gravanti l-istess proprjeta’ huma a karigu tal-istess konvenut.

(5) Tilqa' wkoll il-hames talba tal-attrici in kwantu dina tolqot lill-konvenut Mario Mizzi u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici Civili** *in toto*, b'dan pero' li d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-istess Kap 16** qed jigu applikati kontra l-attrici wkoll kif fuq deciz.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless bil-mod kif il-partijiet irregolaw il-gbir tal-provi u kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kull parti f'din il-kawza li tressaq il-provi taghha fi zmien ragonevoli u fit-termini ndikati mill-Qorti, tant li jirrizulta mill-verbali quddiem il-Qorti diversament presjeduta, u kif anke' rraporta il-Perit Legali lill-istess Qorti, li inzammu diversi seduti izda provi ma tresqux mill-partijiet, b'dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke' minhabba l-pika esagerata taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attrici thallas is-somma ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut ihallas ukoll is-somma ta' tliet mitt lira Maltija (Lm300) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijiet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------